MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 61/2012

**Marianna u Peter konjuġi Degabriele f'isimhom proprju, u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2012, Dr Anna Mallia ġiet nominata bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri Graziella Degabriele.**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali u d-Direttur tad-Dipartiment għall-Ħarsien u Standards Soċjali, u b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2012 ġie kjamat fil-kawża l-Ministru tal-Familja.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti fl-24 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi fis-17 ta Diċembru tas-sena 1998 twieldet Graziella Degabriele miz-żwieġ bejn il-konjugi Degabriele u llum għandha 14-il sena;

Illi b'seħħ mill-erbgħa (4) t'Awissu tas-sena 2011, inħarġet Ordni għall-Ħarsien tal-Minuri Graziella Degabriele li permezz tal-istess il-minuri tqiegħdet fil-*Jean Antide Home* f'Santa Venera (DOK A);

Illi din l-Ordni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Minorenni f'sentenza tagħha mogħtija fid-29 t'Awissu 2011 (DOK B);

Illi per konsegwenza minuri kienet u għadha fdata f'istitut filwaqt li aċċess tagħha għall-ġenituri tagħha ġie limitat għall-siegħa fil-ġimgħa, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

Illi dan l-aċċess baqa' hekk ristrett minnkejja diversi talbiet mir-rikorrenti għar-reviżjoni nkluż talba biex ikollhom aċċess għall-minuri fl-okkażjoni ta' għeluq sninha li hu viċin jum il-Milied u talbet biex tiġi ritornati għandhom;

Illi l-esponenti konjuġi Degabriele ħadu sehem attiv biex jottjenu r-reviżjoni tal-*care order* u kkontestaw l-istess quddiem il-Qorti tal-Minorenni. Madanakollu f'kull stadju kienu rinfaċċjati bi proċess li ma jassigurax *equality of arms* li hu neċessarju biex huma jkollhom aċċess għall-rimedju effettiv u adegwat għar-reviżjoni jew rexxissjoni tal-Ordni.

Illi anzi fil-proċess kollu quddiem iċ-*Children and Young Persons Advisory Board* u anke quddiem il-Qorti tal-Minorenni, l-esponenti ma kellhomx aċċess għall-*case files* li kienu qed jintużaw mis-*social workers* fil-każ ta' binthom b'dan ma kienux f'pożizzjoni jeżaminaw provi kollha, jirribattuhom u jressqu provi biex jiddefendu pożizzjoni tagħhom u ta' binthom. Id-deċizjonijiet jirrigwardaw kemm it-teħid b'*Care Order* u ċ-ċaħdiet sussegwenti tat-talbiet tagħhom għar-revoka tal-istess, u anki għat-tibdil u estensjoni fil-ħinijiet, jittieħdu u mill-

Ministru responsabbli internament, mingħajr trasparenza u mingħajr garanzija, ta' ndipendenza u mparzjalita' jew apparenza tal-istess, u mingħajr pubbliċita', u mingħajr ma b'hekk ingħataw il-possibbilta' li jiddefendu d-drittijiet tagħhom u ta' binthom għall-tgawdija sħiħa tal-ħajja familjari tagħhom;

Illi jekk is-smigħ tal-vuċi tagħhom kienet limitata f'dawn il-proċeduri kollha, il-minuri Graziella Degabriele kienet imsikkta għal kollox għalhiex ma ngħatat ebda opportunita' li tissemma' l-vuċi tagħha direttament la quddiem il-Bord imsemmi u lanqas quddiem il-Qorti tal-Minorenni, bi ksur tad-drittijiet tagħha li tissemma' l-vuċi tagħha speċjalment meta hija tal-eta' u maturita' li tesprimi ruħha dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern, hija xhud materjali biex l-istess Qorti setgħet tgħarbel il-provi quddiemha fl-isfond tal-konflitt bejn iż-żewġ partijiet fil-każ. Il-fatt li s-*social workers* tal-Bord jgħidu li kellmuha mhux suffiċjenti biex it-tifla tingħata smiegħ xieraq għaliex *social worker* ma tistax tirrappreżentaha bis-sħiħ f-talba biex tiġi riveduta d-deċiżjoni tal-Bord stess.

Illi t-tifla qed tbati ħsara rreparabbli emottivament u psikoloġikament minnħabba l-allontananza forzata mill-ġenituri tagħha u hi u l-ġenituri qed jiġu mċaħħda mid-drittijiet tagħhom li jkollhom relazzjoni sħiħa bħala familja, liema dritt hu garantit bl-artikolu 8 tat-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-ħruġ ta' Ordni għall-Ħarsien u l-konferma sussegwenti mill-Qorti tal-Minorenni, jikkostitwixxi interferenza li tmur *oltre* l-limiti permessi mill-istess Konvenzjoni ta' neċessita' u proporzjonalita' jew *fair balance* bejn l-interessi tas-soċjeta' u dawk tal-individwi milquta bl-Ordni għall-Ħarsien u mill-poteri tal-Ministru u taċ-*Children and Young Persons Advisory Board.* L-Ordni għall-Ħarsien mhuwiex 1-uniku rimedju, anzi, għandu jkun l-aħħar rimedju li għandu jittieħed, u jekk is-*social workers* kellhom xi tħassib dwar it-trobbija u ħarsien tal-minuri, kellhom l-obbligu li l-ewwel u qabel kollox, joffru sostenn u

għajnuna lill-ġenituri u *monitoring* sabiex jibqgħu preservati l-kuntatti mal-bint.

Illi anke wara l-ħruġ tal-Ordni għall-Ħarsien, l-organi tal-Istat baqgħu jirrifjutaw lir-rikorrenti u lill-minuri aċċess iktar ampju u rrifjutaw talbiet għar-ritorn tal-minuri fid-dar tagħha u dan fl-istess sfond ta' nuqqas ta' trasparenza u *equality of arms*. Dan kollu jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għas-smigħ xieraq konsistenti f'aċċess għall-rimedju effettiv u adegwat kif ukoll għall-protezzjoni tal-ħajja familjari tagħhom.

Illi *inoltre* l-fatt li ma hemm ebda rimedju għar-reviżjoni tal-Ordni għall-Ħarsien minn Qorti indipendenti u imparzjali fih innifsu jikkostitwixxi wkoll ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni. Lanqas hija prevista l-possibbilta' li persuni milquta minn *care order* jappellaw mis-sentenza tat-Qorti tat-Minorenni, liema sentenza hija finali, u b'hekk huma anke mċaħħda mid-dritt tad-*doppio esami*.

Illi r-rikorrenti tant iddispraw meta t-talbiet tagħhom ma ngħataw ebda widen li ppreżentaw protest ġudizzjarju fil-15 ta' Ġunju 2012 (DOK C) *stante*, li ma hemm ebda rimedju ieħor legali prevista mill-Liġi, liema karenza ġja' ġiet dikjarata li tikkostitwixxi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet fondamentall fil-każ **"M.D. and Others vs Malta"** deċiża fis-17 ta' Lulju 2012.

Illi n-natura urġenti tal-każ, u l-ħtieġa li s-sofferenzi tar-rikorrenti jiġu rimedjati fis jitlob rimedji effettivi mmedjati u mhux li wieħed jistenna l-Istat jimplementa fil-futur ir-rakkommandazzjonijiet tal-Qorti. Attwalment ir-rikorrenti jinsabu mingħajr rimedju ordinarju.

Illi għalhekk qed issir din il-kawża sabiex ir-rikorrenti jingħataw il-protezzjoni kollha garantita u mill-Konvenzjoni Ewropeja u jiġu rimedjati vjolazzjonijiet li sofrew.

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti proprio jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom għas-smigħ xieraq garantit permezz tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u permezz tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali in kwantu li ma hemmx aċċess għall-Qorti indipendenti u imparzjali sabiex Ordni għall-Ħarsien, la darba maħruġ, tiġi rieżaminata jew revokata, u, mingħajr preġudizzju, in kwantu li ma ġiex żgurat lilhom *equality of arms*, u smigħ xieraq waqt il-proċess li wassal għall-ħruġ tal-Ordni tal-Ħarsien, fil-proċess quddiem iċ-*Children and Young Persons Advisory Board* u proċeduri inkorsi quddiem Qorti tal-Minorenni premess;

2. Tiddikjara li sofrew vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom għall-Protezzjoni u rispett tal-Ħajja Familjari tagħhom garantit skont l-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea.

3. Tiddikjara għall-istess raġunijiet li sofrew ksur tad-drittijiet tagħhom garantiti skond l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea msemmija.

4. Tagħti fiċ-ċirkostanzi tal-każ ir-rexxisjoni tal-*care order* fuq premess;

5. Tagħti kull rimedju effettiv fosthom li tirritorna lit-tifla Graziella Degabriele fil-kura tar-rikorrenti fl-interess suprem tal-minuri b’dawk il-kondizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-2 t’Awissu 2012, li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi ma seħħ ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-proċedura għall-ħruġ ta’ Ordni ta’ Ħarsien *(Care Order)* hija għall-protezzjoni tal-minorenni li tiġi assoġġettata għaliha. Kuntrarjament għal dak qed jiġi allegat, il-minorenni

Graziella Degabriele kienet instabet qed tgħix f'ambjent li ma jgħinha xejn sabiex tikber u tiżviluppa f'adulta matura u responsabbli. *Inoltre*, hija kienet qed titħalla ma tmurx l-iskola u dan bi ksur tal-liġi kriminali tal-pajjiż; anzi, il-konjuġi Degabriele kienu qegħdin jippruvaw jgħattulha u jipprokuraw ċertifikati akkomodanti mingħand it-tabib tagħhom sabiex jiġġustifikaw l-assenza rampanti tagħha mill-iskola.

Illi kuntrarjament għal dak li qed jiġi allegat, ir-rikorrenti konjuġi Degabriele ngħataw kull għajnuna u sostennli setgħu jingħataw mis-*social workers* tal-aġenzija Appoġġ. Fil-fatt l-interventi saru magħhom miċ-*Child Protection Services Unit* tal-aġenzija jinsabu dokumentati fir-rapport tal-istess Ordni ta' Ħarsien li minnu qed jogħġobhom jilmentaw.

Illi biex jippruvaw jikkonvinċu lil din il-Qorti li sofrew minn nuqqas ta' *equality of arms* ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw mill-fatt li skond huma ma ngħatawx aċċess għall-*case files* tal-minuri. Dan m'hu minnu xejn. Fil-fatt, l-avukata tar-rikorrenti qatt ma talbet tara dawn il-*case files.* Il-fatt li issa qed jitressaq dan l-ilment donnu huwa sintomatiku tat-taħwid u nuqqas ta' serjeta' li r-rikorrenti wrew fit-trobbija ta' wliedhom. Apparti minn hekk, is-*social workers* involuti kienu dejjem lesti biex jagħtu nformazzjoni dwar dan kemm quddiem il-Bord kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Minorenni.

Illi *inoltre* r-rikorrenti konjuġi Degabriele kellhom opportunita' adegwata jsemmgħu leħenhom kemm quddiem iċ-*Children and Young Persons Advisory Board* kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Minorenni. Kif jixhdu l-minuti tal-bord, huma kienu preżenti waqt iż-żewġ *case meetings* li żamm l-istess Bord, f1-20 ta' Ottubru 2011 u d-19 ta' Jannar 2012 rispettivament, u kellhom il-fakulta' jagħtu l-verżjoni tagħhom tal-fatti rilevanti. F'din l-aħħar seduta, il-minuri Graziella, li kienet ukoll preżenti, ingħatat u fil-fatt ħadet l-opportunita' tesprimi ruħha. Barra minn hekk, quddiem il-Qorti tal-Minorenni l-konjuġi rikorrenti kienu liberi jixhdu u jressqu l-fehmiet tagħhom kemm

personalment kif ukoll permezz tar-rappreżentanta legali tagħhom, kif fil-fatt għamlu.

Illi l-Qorti tal-Minorenni hija Qorti speċjalizzata u għaldaqstant hija għandha l-fakulta' teżamina każijiet bħal dak odjern li jiġu quddiemha f'aktar dettall minn Qrati oħrajn ta' ġurisdizzjoni ġenerali. Għalhekk l-iskrutinju li għalih kienet sottoposta s-sitwazzjoni tal-minuri Graziella Degabriele kien wieħed adegwat.

Illi *inoltre* lanqas ma jista' jingħad li r-rikorrenti sofrew ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-ordni ta' ħarsien inħareġ proprju sabiex iħares lill-minuri mis-sitwazzjoni malsana kienet tinsab fiha qabel. Iżda r-rikorrenti konjuġi Degabriele xorta baqagħlhom id-dritt li jżuru lill-minuri. Anzi, dawn iż-żjarat tal-familjari, li jissejħu *supervised access visits*, kienu anki ttellgħu minn waħda fil-ġimgħa għal tnejn fil-ġimgħa u s-sitwazzjoni għadha hekk s'issa.

Illi l-Qorti Ewropea stess tirrikonoxxi l-importanza tal-opinjoni tas-*social workers* f'każijiet bħal dawn. Kif josservaw Jacobs, White and Ovey, (The European Convention on Human Rights, 5$^{th}$ Ed., pp. 338-339):

*"Unlike the Strasbourg judges, the national social workers and courts will usually have had direct contact with all the people concerned, often at the stage when care measures are being envisaged or immediately after their implementation. The Strasbourg Court will not be so well placed to assess the personalities, needs and capacities of the parents and children ..."*

Ikomplu illi

*"In assessing the 'necessity of the measures, the Court does not, therefore. attempt to substitute itself for the domestic authorities but instead reviews their decisions, looking particularly to see whether the reasons given where relevant and sufficient and that the procedure was fair, to ensure that the authorities have not exceeded their margin of appreciation".*

Illi l-esponent jissottometti illi huwa aġixxa *entro* l-ambiti tal-*margin of appreciation* li neċessarjament għandu jkollu, kif 1-istess għamlu s-*social workers* involuti.

Illi għar-rigward tal-aħħar żewġ talbiet tar-rikorrenti, fi kwalunkwe każ dawn ma jistgħux jintlaqgħu anke minħabba l-fatt li din 1-Onorabbli Qorti mhijiex il-forum adatt sabiex jittieħdu deċiżjonijiet sensittivi li jistgħu jkunu determinanti għall-futur ta' persuni minuri.

Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq premessi l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet imressqa fir-rikors odjern bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Degabriele.

Rat l-affidavits u semgħet ix-xhieda;

Rat in-noti ta' sottomisjonijiet;

Rat l-atti tal-proċeduri li wasslu biex tinħareġ l-Ordni ta' Ħarsien;

Rat il-verbal tas-seduta tal- 10 ta' Lulju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-proċeduri msemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom. Dan għaliex skond ir-rikorrenti, huma ma kellhomx aċċess għall-Qorti ndependenti u imparzjali biex tiġi rieżaminata jew revokata l-Ordni għall-ħarsien u ma ġiex żgurat lilhom l-hekk imsejjaħ *equality of arms* u smiegħ xieraq waqt il-proċess. Huma qed jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 6(1), 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-partijiet rilevanti għall-każ odjern tal-artikolu 39 jgħidu illi:

*"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

Illi l-artikolu 6 (1) imsemmi jgħid illi:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Illi l-artikolu 8, ukoll imsemmi, fir-rikors promotorju jgħid illi:

*(1) Kulħadd għandu dritt għar-rispett għall-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil mill-awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun meħtieġ f'soċjeta demokratika fl-interess tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat egħmil ta' delitti jew għal protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew għall- protezzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor."*

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni jgħid illi:

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju*

*effettiv quddiem awtorita' nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Illi l-Qorti, kif ġja' qalet f'kawżi oħra, għandha tgħid li l-fatt li r-rikorrenti jħossu aggravat minn sentenza tal-Qorti jew Tribunal b'daqshekk ma jfissirx li kisru xi drittijiet fundamentali tiegħu. Il-funzjoni tal-Qorti fil-ġurisdizjoni Kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostitizzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja (ara **"JEM Investments Limited vs Avukat Generali et"**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 2010).

Illi dan japplika għal ċerti konklużjonijiet, speċjalment tal-Qorti tal-Appell Kriminali li għalihom jagħmel referenza r-rikorrenti.

Illi diversi sentenzi tal-Qrati tagħna jiċċitaw ukoll lill-awturi Jacobs and White (*The European Convention on Human Rights*, paġna 140) li qalu illi:

*"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.*

*The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Illi fi kliem ieħor ma jeżisti ebda dritt fundamentali li wieħed jappella minn xi deċiżjoni ta' Qorti u jekk il-liġi ma tipprovdix dan id-dritt wieħed ma jistax taħt il-vesti ta' kawża Kostituzzjonali jittanta jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas (ara, per eżempju, is-sentenza fil-kawża **"Charmaine Farrugia vs Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali"**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, fit-8 ta' Awissu 2013).

Illi fil-fatt din il-kawża, għal dawk illi huma kwistjonijiet legali hija l-istess bħal din li għadha kif issemmiet li ukoll kienet tittratta dwar il-ħruġ ta' Ordni għall-Ħarsien ta' minuri; id-differenza hija dwar il-mod kif skattaw il-proċeduri.

Illi fil-każ odjern fil-fatt l-awtoritajiet konċernati ma kienux qed isegwu l-każ ta' Graziella Degabriele iżda l-indaġini kienet qed issir fuq it-tfal ta' oħtha akbar minnha u meta saret spezzjoni instabet hi man-neputijiet żgħar tagħha f'ambjenti li s-*social workers* dehrilhom ma kienx ideali; b'hekk saret investigazzjoni u ġie deċiż li tinħareġ l-Ordni. Saru l-proċeduri debiti kollha u fl-aħħar din l-Ordni ġiet konfermata.

Illi l-Qorti kelmet lill-minuri li issa għandha ħmistax-il sena, fejn indubbjament esprimiet l-intenzjoni li hija tixtieq li tmur tgħix m'ommha u missierha tar-rispett. Minn dak li setgħet tara l-Qorti u mid-depożizzjoni tat-tabib Dottor Godfrey Farrugia li għal snin kien it-tabib tal-familja tagħhom, ir-rikorrenti li kellha passat diffiċli ħafna, issa għandha s-sostenn ta' żewġha u tagħmel li tista' biex tmexxi l-familja tagħha bl-aħjar mod. Madankollu dan ma jfissirx li ma għadx għandha d-diffikoltajiet tagħha. Mid-depożizzjonijiet tas-*social workers*, ma hemmx dubju li l-minuri ma kienx postha dak li sabuha fih meta saret l-

ispezzjoni, u l-ambjent in kwistjoni ma kienx żgur ta' ġid għaliha *sia pure* dak ma kienx il-post fejn kienet qed tittrabba iżda kien hemm b'kumbinazzjoni. Ikun għalhekk tajjeb pero' fil-futur li hija tkun imbegħda minn dak l-ambjent. L-ambjent fid-dar tar-rikorrenti jidher pero', anke skond kif xehed Dr Farrugia (u l-Qorti hija konvinta li kien qed jagħti l-opinjoni onesta u nformata sewwa tiegħu), li huwa aċċettabbli.

Illi dawn pero' huma konstatazzjonijiet ftit rilevanti għal din il-kawża għaliex din il-Qorti mgħandhiex il-kompitu li tagħmel id-deċiżjoni fir-rigward hi, iżda l-kompitu tagħha huwa li tiddeċiedi jekk kienx hemm xi ksur tad-drittijiiet fundamentali tal-bniedem fil-proċeduri in kwistjoni. Il-Qorti jidhrilha, prattikament għall-istess raġunijiet imsemmija fil-kawża **"Farrugia vs Ministru tal-Familja"** ċitata aktar qabel u li għalih l-Qorti tagħmel ampja riferenza bil-ġurisprudenza hemm ċitata b'kollox, *mutatis mutandis*, li t-talbiet m'għandhomx jiġu akkolti. Mil-lat prattiku, għalkemm għall-minuri kien diffiċli li tiġi mifruda minn ma' ommha, dak li ġara se jkunilha ta' ġid; qabel nħarġet l-ordni, hija kienet tfalli ħafna skola u l-ordni swiet biex għallinqas issa qed tattendi l-iskola kuljum; hija tifla intelliġenti u jkun dnub jekk dak il-ġid li sar f'dan l-aspett isir suf.

Illi fil-mertu jidher ċar għall-Qorti li r-rikorrenti kellha ċ-ċans biex tagħmel is-sottomissjonijiet u tressaq il-provi li xtaqet waqt il-proċeduri in kwistjoni. Filfatt, ir-rikorrenti oġġezzjonaw għall-ħruġ tal-Ordni għall-ħarsien u skond il-proċedura ndikata f'dan il-każ, ingħata smiegħ xieraq u l-Ġudikant sedenti tathom kull opportunita' jressqu l-każ kif fil-fatt għamlu. Għalhekk il-Qorti ma tirriskontra ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem allegati minnhom.

Illi l-Qorti, finalment tagħmel referenza għall-artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi: *"il-Qorti tista' ... tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta' tal-persuna li tkun taħt l-eta' kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel."* Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu għandu jipprevali fuq kollox fejn jidħlu l-interessi tal-minuri u ċertament fil-każ in kwistjoni għal kull buon fini hija tal-fehma li huwa

rakkomandabbli li l-minuri tibqa’ taħt l-Ordni almenu sakemm tasal għall-eta’ li fiha jkun għaliha obbligatorju li tattendi l-iskola.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi kollha, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjonjiet tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------